

Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8865/26

SOC 235
EMPL 105
EDUC 142

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali Fatra tas-Sur Martin HOŠTÁK, membru għas-Slovakkja, minflok is-Sur Peter BENCKO li rriżenja - <i>Adozzjoni</i>

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Peter BENCKO, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem (għas-Slovakkja).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75¹, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat lis-Sur Martin HOŠTÁK għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.
 4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, kif tinsab fid-dokument 8864/26, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-